MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2008

Numru. 55/2000
Kawza Numru. 201

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Carmel Attard ta’ 51 sena bin John u Carmen nee’ Xerri, imwieled Xewkija Ghawdex fis-27 ta’ Mejju 1949

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 48149(G), akkuzat talli:

1. fl-1 ta’ Awissu 2000 ghall-habta tad-9.25 ta’ filghaxija fuq il-moll tal-Mgarr, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra

jew gibilha disordni f'mohha, u cioe', ikkaguna ferita ta' natura gravi (ksur fir-ras) fuq il-persuna ta' Maurice Hili mix-Xewkija, skond kif iccertifika t-tabib tal-Isptar Generali ta' Ghawdex, it-tabib Peter Muscat, ai termini ta' l-Artikolu 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kap 9;

2. fl-istess hin, zmien u cirkostanzi, volontarjament bil-lejl kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied, ai termini tal-Artikolu 338(m) u (dd) tal-Kodici Kriminali, Kap 9;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-provvediment tal-Artikolu 383 jew 384 tal-Kodici Kriminali, Kap 9.

Rat l-ahhar rinviju mill-Avukat Generali li ai termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx qieghed joggezzjona li l-kawza tieghu tigi trattata u deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat ghandu jirrispondi talli: ikkaguna offiza gravi; kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor – dawn l-ahhar zewg offizi li huma ta' natura kontravenzjonali.

Trattata l-akkuza l-aktar serja, cjoe' dik tal-offiza gravi, jirrizulta mill-provi li l-persuna li sfat imwegga' f'dan l-

incident hu certu Maurizio Hili ta' 41 sena impjegat mal-Gozo Channel. Qua l-incident jirrizulta li gara fil-port tal-Imgarr precizament fuq ir-rampa tan-naha tal-lvant fejn soltu jittrakka l-vapur t'Ghawdex. Is-sinistrat Hili, li dak il-hin kien fuq xoghlu, wegga' meta waqa' minn fuq ir-rampa ghall-isfel. Il-prosekuzzjoni qeghdha takkuza l-imputat li kien hu l-kagun tal-waqgha tal-imsemmi Hili b'konsegwenza li kkagunalu offizi gravi f'rasu..

Huwa fatt accertat li fil-hin tal-incident kienet qamet rissa proprju fejn ir-rampa li fiha kien involva ruhu l-imputat flimkien ma' xi familjari tieghu. Jirrizulta illi l-imputat u xi familjari tieghu kienu ltaqghu, kif kienu jaghmlu ta' sikwiet, fl-inhawi tal-moll, biex jirrilassaw u jitkellmu. Gara li dak in nhar wiehed minnhom, u cjoe' Carmelo Vella, beda jghid li t-tifla tieghu kienet sfat imsawwta minn Hili xi granet qabel u f'hin minnhom huwa, ossija dan Carmelo Vella qam minn postu u mar fid-direzzjoni tal-moll. L-imputat ma negax anzi jammetti li meta ra lil Vella jargumenta ma' Hili mar hu wkoll u ndahal bejniethom.

Illi l-provi pero' ma jaslux sabiex juru li 'l fuq minn kull dubbju dettat mir-raguni l-imputat kien dak li mbotta lil Hili u kkagunalu l-feriti gravi li sofra dan ta' l-ahhar skond u ai termini tal-ewwel akkuza. Hemm pero' kontra dan l-imputat provi bizzejjed biex jigi misjub hati tal-offizi kontravenzjonali taht l-Artikolu 338(m) u (dd) li ghall-ezistenza taghhom mhi rikjesta ebda intenzjoni billi l-fatt per se huwa bizzejjed sabiex tissusisti l-akkuza.

Ghaldaqstant, qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza qeghdha ssibu hati tat-tieni.

Rat l-Artikolu 338(m)(dd) u 17 tal-Kap 9 u tikkundannah ammenda komplessiva ta' mija u sittax euro (€116).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------